**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 235/22 AL

A B

u

C B

(MR Numru 495/1994)

Rat ir-rikors konġunt tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponew:

1. Illi l-esponenti zzewwgu fl-ewwwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) (DOK A), u minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal D B li twieldet fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) u E B li twieldet fit tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) u ghalhekk huma maggorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u legalment separati permezz ta' kuntratt in atti Dr Katia

Farrugia Cachia Tlieta u Għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Dok B).

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet kif ukoll ghal E B stante illi tahdem fuq bazi fulltime,

5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

b) Tordna li d-digriet ta' din l-Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

c) Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Mejju 2002;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-23 ta' Frar 2022 u de facto separati minn Novembru, 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "F" u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-passi kollha mehtiega f'dan ir-rigward, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.